# MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-07 ta' Dicembru, 2016

Talba Numru: 471/2013AM3

Numru fuq il-Lista: 31

**Falcon Aviation Engineering Limited (C35890)**

**Falcon Alliance Building**

**Security Gate 1, Malta International Airport, Luqa LQA 4000**

**Vs**

**Micah International**

**98, Botanica, Triq tal-Klerku,**

**Fgura FGR 2063**

**P-1164**

It-Tribunal,

Ra t-talba tas-Socjeta' attrici li permezz taghha talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija u wiehed u tletin ewro u ghaxar centezmi (€2,531.10c) liema somma hija

rapprezentanti l-hlas ghal diversi servizzi forniti mis-Socjeta' attrici lis-Socjeta' konvenuta liema servizzi kienu jinkludu servizzi teknici, mekkanici u ta' inginerija u in oltre ghal liema servizzi s-Socjeta' intimata giet mitluba thallas lis-Socjeta' attrici izda s-Socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti. B'zieda ma' dan l-ammont is-Socjeta' attrici qeghda titlob ordni u kundanna ghal hlas tal-imghaxijiet kummercjali kollha mid-data tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess talba.

Ra r-rispOsta tas-Socjeta' konvenuta li permezz taghha hija eccepiet li mis-somma reklamata ta' elfejn hames mija u wiehed u tletin ewro u ghaxar centezmi (€2,531.10c) hija dejjem kien accettat li thallas is-somma ta' elf erba' mija u sebgha u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€1,427.80c) u konsegwentement is-Socjeta' intimata ma ghandhiex tbati spejjez u imghax relatati ghas-somma ta' elf erba' mija u sebgha u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€1,427.80c) illi l-bqija tas-somma ossia elf mija u tlett ewro u tletin centezmi (€1,103.30c) qed tigi kontestata ghas-segwenti ragunijiet: invoice 198 fis-somma ta' mija disgha u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€129.80c) qed tigi kkontestata u dan peress li dik tirraprezenta labour charges ghal korrezzjoni ta' xoghol hazin maghmul mill-istess Socjeta' attrici; invoice 199 fis-somma ta' mija disgha u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€129.80c) qed tigi kkontestata in kwantu ghal nofs taghha u dan riferibbli ghal landing light repair peress li l-hsara kienet ukoll ghal bad workmanship tas-Socjeta' rikorrenti filwaqt li huwa accettat illi jithallas n-nofs l-iehor fl-ammont ta' erbgha u sittin ewro u disghin centezmu (€64.90c); invoice 204 li tkopri l-akbar ammont elfejn hames mija u wiehed u tletin ewro u ghaxar centezmu (€2,531.10c) kien dejjem accettat li jithallas 3/5 taghha u dan ghaliex filwaqt li dan jirraprezenta hamest ijiem xoghol in effetti s-Socjeta' attrici ma kelliex aktar minn gurnata u nofs xoghol skont anke l-STC u ghalhekk is-Socjeta' mittenti accettat it-triq tan-nofs dik li thallas ghal tlett ijiem imma mhux hamsa. L-inefficjenza tas-Socjeta' rikorrenti ma ghandix tbaghtihom is-Socjeta' mittenti, bl-ispejjez.

Ra x-xhieda tal-Kaptan Ray Zarb (fol 15 et) li permezz taghha huwa xehed li huwa Accountable Manager tas-Socjeta' attrici. Xehed li l-ajruplan in kwistjoni ingieb fil-hangers tal-istess Socjeta' sabiex isir ix-xoghol rikjest – riparazzjoni tas-seat belt u l-landing light u mistoqsi dwar il-fattura a fol 4 huwa wiegeb li l-ajruplan iddahhal ghat-tiswija in konnessjoni mal-engine primer li huwa l-ekwivalenti tac-chock fil-vetturi. Huwa jinnega li l-ajruplan iddahhal ghand is-Socjeta' attrici biex issir riparazzjoni tal-istess haga qabel din l-okkazjoni li dwarha inharget il-fattura u ghalhekk ma jistax ikun li sar xoghol korrettorju kif qed jigi allegat. Huwa spjega li f'dan it-tip ta' ajruplani ikun hemm element ta' 'wear and tear' partikolarment minhabba l-vibrazzjonijiet li jkunu hemm a konsegwenza tal-uzu tal-magna u allura wiehed jistenna li jkun hemm element ta' 'wear and tear' partikolarment peress li jintuza 'neoprene rubber' ghal hafna mill-materjal f'din l-istess magna.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk huma jzommux records tal-ajruplani li jingiebu ghandhom ghal finijiet ta' servicing huwa wiegeb iva fil-fatt huma jkollhom hafna repeat customers u ghalhekk ikollhom records ta' dawn l-ajruplani u s-servicing li huma jaghmlu fuqhom perjodikament.

Rigward il-fattura numru 204 a fol 2 huwa spjega li x-xoghol kien jirrigwarda tibdil tal-conversion kit tal-fuel li tkun approvata b'supplemental type certificate li tkun entita rikonoxxuta minkejja l-fatt li ma tkunx is-Socjeta' li timmanifattura l-kits originali. Il-fattura nharget ghax-xoghol li gie impjegat sabiex inbidlet is-sistema tal-fuel tal-ajruplan kollu u dan fis-sens li nbidlet is-sistema tal-fuel tal-ajruplan minn wahda antika ghal dik moderna.

Mistoqsi jekk kienx mehtieg xi materjal sabiex issir dan l-konverzjoni x-xhud wiegeb li iva u l-fit sabiex isir it-tibdil gabu l-klijent stess direttament minghand min jammanufatturah gewwa l-Amerika ghaliex dan ma huwiex prodott li wiehed isib off the shelf. Huwa spjega li STC cioe' supplemental type certificate hija certifikazzjoni ta' prodott li jigi rikonoxxut minn Federal Aviation Administration sabiex jintuza fuq l-ajruplani kemm kummercjali u anke dawk l-lightweight bhal ma huma dan fil-kaz in ezami. Ix-xoghol kien relattiv ghal tibdil mis-sistema antika ta' uzu ta' fuel maghruf bhala 'avgaz' ghal unleaded fuel bhal dak li jintuza fil-vetturi. Mistoqsi jekk STC taghtix indikazzjoni ta' hin li jkun mehtieg sabiex isir il-konverzjoni relattiva huwa wiegeb li iva u din tohrog linja gwida ta' kemm sieghat ikun mehtieg sabiex jigi mwettaq dan ix-

xoghol u li f'dan l-STC jkun hemm indikazzjoni ta' dan il-hin izda ma jkunx hemm kopert ukoll dak il-hin li wiehed jirrikjedi sabiex izarma l-oggett ukoll. Apparti minn hekk wiehed qed jassumi li meta tkun qed tarma l-oggett ghandek ic-cirkostanzi kollha li huma involuti f'dan il-process li jkunu kollha mexjin harir ukoll.

Il-Kaptan Zarb spjega li l-process sabiex issir din l-conversion tas-sistema tal-fuel tinvolvi li meta l-ajruplan jingieb ghandhom l-ewwel tizzarma l-area minn fejn ikunu ser jahdmu f'dan l-istess ajruplan u ghalhekk jaccetaw ruhhom li jkollhom l-apparat kollu u l-ingenji kollha lesti sabiex wiehed ikun jista iwettaq dan ix-xoghol. Il-preparazzjoni ta' dan il-process kollu hija parti mill-hin li taghha johorgu l-kont ghalih. Qabel ma wiehed izarma s-sistema ssir analizi u din l-analizi ssir sabiex jaraw jekk ikunx hemm konsegwenzi ghal dak li jkunu ser iwettqu huma bhala xoghol. Imbaghad jibda l-process ta' dismantling u dan jirrikjedi wkoll dismantling tal-panel tan-naha tax-xellug li jinkludi wkoll it-tnehhija tal-upholstery fost affarijiet ohra li huwa kollu process li jirrikjedi l-hin.

Ix-xhud spjega li l-fattura tkun inharget ghal hin li l-impjegat ha sabiex isir dan l-process kollu mill-bidu sat-tmien tieghu. Li l-hin li gie impjegat sabiex dan l-process kollu sar kien itwal minn dak li ghalih inhareg il-kont u kienu ddecidew li jirriducu s-sieghat ghal dak li jirrizulta fil-fattura in kwistjoni. Huwa kkonferma li l-fatturi mehmuza mal-avviz tat-talba huma dovuti.

A fol 21 et il-Kaptan Ray Zarb kompla jixhed u pprezenta dokumenti li juru xi jkun mehtieg mis-Socjeta' attrici skont id-direttivi kemm tas-Civil Aviation kif ukoll tal-EU directives u l-work order specifiku li jkun hemm id-dokumentazzjoni li turi l-varji stadji tax-xogholijiet li jkunu gew imwetqa u indikati bhala task sheets. Li fl-ewwel task sheet hemm indikat ix-xoghol li jkun mehtieg li jsir u huwa indikat fejn hemm indikat work required. Kemm-il darba jigi mwettaq dan ix-xoghol u jkun approvat u konformi ma' dak li huwa mehtieg u liema xoghol ikun sar mill-Inginier jigi kjarifikat jew indikat x'xoghol ikun gie mwettaq. Fejn hemm indikat MM2111 hemm qed issir referenza ghal maintenance manual filwaqt li fejn hemm indikat IPC 1-21 hemm tkun qed issir referenza ghal part reference number li tkun giet sostitwita. Id-dokumenti sussgwenti

jindikaw b'mod aktar grafiku x-xoghol effettivament li jkun gie mwettaq in konnessjoni ma' din it-task partikolari.

Huwa spjega li dawn it-task sheets rispettivi l-Inginier jew il-persuna jew l-ufficjal li tkun qed tahdem fuq l-ajruplan ma tkunx tenuta li tindika specifikament il-hin li tkun impjegat fuq dak il-job partikolari. Madanakollu dawn it-tasks kollha jikkombaccjaw u jirriflettu dak li xehed dwaru fis-seduta precedenti u minn dawn it-task sheets wiehed ikun jista eventwalment jasal ghal hin li jkun gie impjegat fuq kull ajruplan.

Huwa spjega li lis-Socjeta' konvenuta kienu infurmawha li kienet ser idumu madwar gurnata sabiex iwettqu din il-bicca xoghol pero' ma kienx hemm hin specifiku u lanqas kien hemm ebda ftehim specifiku f'dan ir-rigward.

In kontro-ezami a fol 94 et il-Kaptan Zarb meta mistoqsi dwar il-fattura a fol 3 li titratta dwar tiswijiet li saru fuq is-seatbelt u landing light, u li l-ajruplan iddahhal specifikament minhabba l-fuel conversion system li jigi implimentat, huwa wiegeb li l-ajruplan iddahhal ghal diversi affarijiet u li meta kien qed isir xoghol ta' conversion titnehha l-parti ta' quddiem tal-ajruplan u dan il-landing light jinsab fil-parti ta' quddiem tal-istess ajruplan u ma qabilx li biex isir dan ix-xoghol ta' conversion il-htiega tkun biss li jmessu din l-parti tal-ajruplan. Rigward il-landing light huwa wiegeb li dan il-cable li jghaddi minn hdejn il-magna huwa espost ghal shana kbira tant hu hekk li dan il-wire isir 'brittle' hafna u effettivament ix-xogholijiet li saru fuq il-landing light kienu konsegwenzjali ghal xoghol tal-conversion. Huwa rega sostna li l-ajruplan iddahhal speciifikament biex isiru xogholijiet ta' riparazzjoni fuq din l-landing light.

Huwa nnega li dan il-cable ma nbidilx tant li kienu uzaw cable minn dak li kien qalilhom l-konvenut stess. Mistoqsi jekk hareg certifikat tax-xoghol ghax-xoghol li sar dwar dan il-landing light Zarb wiegeb li jrid jivverifika izda huwa kkonferma li fic-certifikat relattiv ghal conversion tas-sistema tal-fuel ma kienx hemm referenza ghat-tiswijiet li saru fuq il-landing light ghax dan kien xoghol separat u effettivament l-ajruplan kien gie ritornat lura wara li nhareg meta inbidlet is-sistema tal-fuel ghax irrizulta li kien hemm din il-problema fil-landing light. Huwa kkonferma li c-certifikat a fol 85 huwa dak finali pero' ried jivvverifika; u dwar l-fattura a fol 4 huwa ma qabilx li dawn ic-charges huma inkluzi fix-xogholijiet ta' konverzjoni tal-fuel system.

Rigward fol 84 meta mistoqsi jghid jekk dan hux estratt mill-manual li jintuza meta sar ix-xoghol ta' konverzjoni ta' fuel system, Zarb wiegeb li minn faccata wahda ma jistghax ikun cert pero' kemm-il darba kien hemm indikat li l-engine primer kellu jigi ccekjat sabiex ikun jista jsir ix-xoghol ta' konverzjoni fuq is-sistema tal-fuel allura dan necessarjament sar. Il-fattura li nharget ghal dan ic-'checking of engine primer' hija totalment separata minn dawk ix-xogholijiet li saru fuq is-sistema ta' conversion of the fuel system u ghalhekk ix-xhud isostni li l-ajruplan allura kien rega iddahhal ghandhom spefikament biex jigi ccekjat dan l-'engine primer'. Huwa tenna li jekk ikun hemm leakage jkun hemm il-htiega li jigi ccekjat dan l-engine primer u qabel ma jigi certifikat l-ajruplan sabiex jigi rilaxxat a favur tal-klijent wara li tkun saret din il-procedura ta' conversion tal-fuel system, jekk ikun irrizulta xi leakage kemm taz-zejt affarijiet ohra llura l-Inginier kien ikollu obbligu li dan isemmieh.

A fol 98 kompla jixhed Zarb u pprezenta kopja ta' certificate of release tal-ajruplan u dan meta kien hemm il-konverzjoni tas-sistema tal-fuel. Huwa nesa jivverifika dwar ic-certifikat rigward il-landing light pero' impenja ruhu li jaghmel dan. Dwar li kien hemm il-htiega li jigi manufatturat pajp sabiex ikun bhala estensjoni ma' pajp li gie mal-'kit', Zarb wiegeb li huwa ma kienx ta l-approvazzjoni ghal dan u ghalhekk il-pajp ingab minn barra izda sa fejn jaf hu la ma kienx ta l-approvazzjoni tieghu din l-estensjoni tal-pajp ma saritx. Re fol 84 huwa xehed li dan l-manual huwa ma jkollux ghax jigi mal-kit li jkun irritornah lil klijent. Huwa ppreciza li l-manual li juzaw huwa dak li jigu forniti bih minghand l-manifattur u li ghalhekk jigi mal-'parts'. Huwa spjega li bhala parti mill-konverzjoni jista jigi manufatturat dan il-pajp u li l-unika possibilita' li jkun hemm sabiex part tigi manufatturata huwa jekk ikun hemm koncessjoni minghand l-Awtorita' kompetenti pero' din tkun l-eccezzjoni. Huwa jaghti l-approvazzjoni tieghu sabiex certi parts jigu manufatturati fejn l-'ecstasy' tal-'parts' tkun l-istess bhal l-'ecstasy' tal-ajruplan. Il-hin li jigi invojsjat huwa skont il-job sheet li jzommu l-impjegati tieghu u f'dan il-kaz huwa ma ccargjax tas-sieghet kollha.

A fol 103 Zarb rega xehed u pprezenta c-'certificate of release' rigward l-'landing light' tal-ajruplan u mistoqsi kif ic-certifikat a fol 85 huwa differenti minn dak tal-lum x-xhud wiegeb li huma johorgu zewg tipi ta' certifikati u li r-responsabilita' li jigbor dawn ic-certifikati minghandhom hija tal-proprjetarju tal-ajruplan u mhux taghhom. Mistoqsi jekk is-Socjeta' konvenuta inghatatx kopja ta' dan ic-certifikat, Zarb wiegeb li ma jafx

pero’ r-rapprezentant tas-Socjeta’ konvenuta huwa pilota u jaf b’dan u seta’ facilment jitlob u jinghata kopja ta’ dan ic-certifikat. Rigward l-‘hose’ tal-‘engine oil’ kuntrarjament ghal dak li qed tallega s-Socjeta’ konvenuta, huma ma talbux hlas ghalih. Dan huwa l-pajp li fis-seduta precedenti xehed li ma tax l-awtorizzazzjoni tieghu. u rrefera ghal job sheet a fol 57 li turi li l-‘mechanic’ kien indika li l-pajp in kwistjoni ma kienx ghad-dispozizzjoni tieghu u ghalhekk ma setax ikompli bix-xoghol u dan kif jirrizulta minn l-annotament li hemm fuq l-istess dokument.

Xehed Paul Scerri a fol 67 et li xehed li huwa impjegat mas-Socjeta’ attrici bhala ‘aircraft mechanic’ u xogholu huwa li jaghmel xoghol ta’ ‘maintenance’ fuq dawn l-ajruplani li jiehu hsieb xi karti u l-Inginier jissorvelja x-xoghol li jaghmel hu. F’dan l-kaz kien hemm il-htiega li isir ‘conversion’ tas-sistema tal-‘fuel’ u ghal dak il-ghan ix-xoghol kien jirrikjedi li jkun hemm ‘auxiliary pump’ li tigi mal-ajruplan li trid titnehha u tigi sostitwita b’zewg pompi ohra. Dan ix-xoghol ta’ ‘conversion’ jaghmlu hu u jzomm rendikont tal-hin li jkun gie impjegat sabiex issir din il-bicca xoghol. Meta tinqala’ il-pompa ghal skopjiet ta’ ‘conversion’ il-pompi l-ohra li mbaghad jitwahhlu minflokha ma jitwahhlux fl-istess post u jkun hemm ‘redirection’ tal-pajipjiet tal-‘fuel’ u dawn fost affarijiet. Ikun mehtieg ukoll xoghol preparatorju – minn mal-‘fire wall’ wiehed ikun irid jaqla’ il-‘felt’, apparti l-fatt li tkun trid taqla it-tappezzerija ghaliex dawn il-pajpijiet tal-‘fuel’ jghaddu minn warajha. Eventwalment la darba tigi installata jew jigu installati l-pompi l-godda imbaghad dan il-process jerga jsir mill-gdid. Meta muri fol 64 huwa spjega li mhux hu hejjieh izda kkonferma l-kontenut tieghu.

Mistoqsi jekk hux mehtieg jumejn xoghol sabiex tinqala din l-pompa huwa spjega li l-ewwel wiehed irid jiehu l-kejl sabiex jara ezattament fejn ser tigi din il-pompa u mbaghad wiehed itaqqab sabiex jghaddi l-pajp, dawn imbaghad jitwahhlu b’mod temporanju jitwahhal il-‘cowling’ li huwa l-‘cover’ ta’ taht tal-magna, jerga nitnehha kollox peress li jkun twahhal temporanjament, jittaqqab fejn ikun hemm il-htiega li jghaddu dawn il-pajpijiet imbaghad wiehed jerga jwahhal is-sisema kif suppost u sostna li sabiex isir dan kollu ghandek gurnata xoghol. Huwa jinnega li kien qed jahdem fuq ajruplani ohra li kellhom fil-hanger u xehed li kien qed jahdem biss fuq dan l-ajruplan.

Meta mistoqsi fil-frattemp x’kien qed jaghmel waqt li haddiehor kien qed jahdem fuq din is-sistema tal-fuel huwa spjega li kien hemm pajp li ma kienx gie mal-kit tas-sistema

tal-fuel u hadmu hu u nnega li fl-istess zmien kien qed jaghmel xoghol fuq inkarigu tas-Socjeta' attrici f'lukanda San Giljan.

In ri ezami huwa xehed li xoghol fil-lukandi jaghmlu ma' kumpanija ohra u s-sieghat li hadem fuq dan l-ajruplan ma jinkludiex hin li jahdem fil-lukandi. Huwa rega sostna li din il-bicca xoghol tirrikjedi madwar tlett sieghat jew tlett sieghat u nofs hin biex tinqala' il-pompa u terga tigi installata u ma tinkludix ukoll dak ix-xoghol l-iehor li semma fejn ikun hemm il-htiega li meta tinqala' it-tapezzerija u affarijiet ohra. Dwar it-toqob li kien hemm il-htiega li jinghalqu huwa xehed din il-bicca xoghol tkun qed issir waqt li jkun qed isir il-process u kemm f'dak li jirrigwarda fl-istadju wara li tkun inqalghet il-pompa u anke qabel ma titwahhal imbaghad il-pompa l-ohra.

A fol 76 et xehed Aaron Micallef li ghandhom 50% tal-ishma fil-kumpanija konvenuta. Qabel ma dahlu dan l-ajruplan ghal manutenzjoni huma kienu akkwistaw kit minghand Peterson Aviation gewwa l-Amerika liema kit huwa maghruf bhala STC supplimental type certificate u pprezenta kopja tieghu.

Meta dahlu l-ajruplan l-Kaptan Ray Zarb kien tahhom struzzjonijiet biex jiehdu dan il-'kit' fil-'hanger' taghhom sabiex l-impjegati tieghu jaraw li dan il-'kit' kien ser ikun jaqbel u kien addattat ghal dak li kien mehtieg. Filghaxija Zarb ikkuntatjah u qallu li l-'kit' kien komplut u li ghalhekk setghu jibdew ix-xogholijiet ta' konversjoni u l-ghada dahlu l-ajruplan sabiex jinbeda l-istallazzjoni ta' dan l-'kit'. Dan sar f'Novembru, 2012 aktarx fit-tieni gimgha. Ghalih dan ix-xoghol ta' konversjoni ma kienx mehtieg f'dik li jirrigward l-operat tal-ajruplan u dan ghaliex l-ajruplan kien jiffunzjoni fi kwalunkwe kaz anke bis-sistema ta' fuel li gia kellu izda l-ajruplan iddahhal sabiex isir dan l-ezercizzju ta' konversjoni tal-pompa tal-fuel. Fl-ewwel gurnata tax-xoghol kellha tigi zarmata l-pompa ezistenti u meta huwa mar personalment fil-hanger biex jara x-xoghol gie accertat li l-ghada l-installazjoni tal-pompa l-gdida setghet issir izda l-ghada cempillu Paul Scerri u avzah li l-'fuel hose' li kien mehtieg ghall-installazjoni ta' din l-'kit' ma kienx instab mal-'kit' u li l-pompa kienet gia installata u jonqos biss li jsir xi xoghol fir-rigward ta' dan il-'fuel hose' u accertah li kien ser jiffabrikah hu stess u l-istess accertah il-Kaptan Ray Zarb. Huwa gie infurmat li dan il-'fuel hose' gie ffabrikat u li gie installat izda aktar tard fl-istess gurnata l-Kaptan Zarb qallu li dan il-'fuel hose' kellu jitnehha minn postu u li huwa cioe' x-xhud kellu jordnah minn barra. Huwa ma qabilx ma' dan kemm minhabba t-tul kif ukoll ghaliex il-manual tal-STC jghid li jekk il-'fuel

hose' ma jkunx jaqbel jew inkella ma jkunx sufficjentement twil allura l-kumpanija tkun awtorizzata sabiex timmanifattura jew tikreja wiehed hi stess. Huwa pprezenta estratt minn dan il-manual'.

Huwa pprova jasal ghal ftehim izda ghal xejn u kellu jgibhom minn barra bil-'courier' u damu xi jumejn biex waslu. L-electrician vverifika li x-xoghol sar sew u wara li gie certifikat dan ix-xoghol l-ajruplan gie rilaxxat biex ikunu jistghu juzawh. Izda indunaw li l-'fuel' kien qed jidhol fil-'cockpit' u kkonferma li l-fattura a fol 4 hija l-fattura ta' meta regghu dahlu l-ajruplan biex isirlu dan ix-xoghol cioe' li jissikkaw l-'engine primer'. Huwa jghid li din il-bicca xoghol tirrikjedi ftit minuti izda gew ccargjati ghal siegha xoghol. Huwa ma jaqblix ma' dak li xehed Shaun Zarb li f'dawn ix-xogholijiet ta' 'conversion' ma jkunx hemm l-htiega li wiehed imiss il-'fuel primer' u l-'manual juri' anzi li wahda mill-verifiki li wiehed ikun irid jaghmel hija li jaccerta li dan ikun issikkat u f'postu. Rigward l-fattura fol3, huwa spjega li meta l-ajruplan gie rilaxxat lilhom indunaw li l-'landing light' ma kienetx qed tahdem, kienet giet skonnetjatha meta beda x-xoghol u meta gie kompletat ix-xoghol ma regghetx giet ikkonnektjata. Ghalhekk ta' din il-fattura a fol 3 ma ghandux ihallas. Ukoll, x-xoghol kollu sar f'daqqa izda s-Socjeta' attrici harget zewg fatturi wahda ghal kull bicca xoghol. Huwa ma ta ebda struzzjonijiet biex jinbidel ebda wire u ma jaqbilx ma' dak li xehed il-Kaptan Zarb li dan jigri minhabba l-wear and tear u li kieku inbidel s-Socjeta' attrici kellha tirrilaxxa certifikat minn Inginier sabiex ikun hemm accertazzjoni li effettivament dan inbidel kif suppost.

Rigward il-fattura fol 2 huwa xehed li l-kontestazzjoni hija principalment dwar il-kwistjoni tal-granet tax-xoghol ghaliex f'din il-fattura hemm indikat hamest (5) ijiem ta' xoghol. Huma jidrilhom li gurnata u nofs xoghol kienet bizzejjed izda kienu disposti li jhallsu sa tlett (3) ijiem ta' xoghol. Rigward ic-certifikat rilaxxat mill-Inginier tas-Socjeta' attrici Dok AM4, huwa xehed li fih xi dettalji li ma humiex tal-ajruplan tieghu cioe' serial number u registration number izda Transport Malta kienu accettawh xorta wahda.

In kontro-ezami (seduta 21 t'April, 2016) Micallef xehed li mhux minnu li l-manual tal-STC jaqa' taht il-Federal Aviation Authority Regulations u mhux taht il-European Aviation Safety Agency u kieku ma humiex hekk kieku ma jkunx jista jigi nstallat f'ajruplan gol-Ewropa. Jammeti li qed jibbaza n-numru ta' sieghat xoghol ta' gurnata u nofs a bazi ta' dan l-manual. Huwa ma jaqbilx li dan il-pajp ma setghax jigi manufatturat

fl-Ewropa. Rigward il-'wiring' huwa wiegeb li ladarba c-'certificate of release' ma huwiex akkumpanjat minn certifikat tal-EASA li jissejjah 'certificate form 1' ifisser li dak ma jkunx vera xoghol li sar.

Ra l-affidavit ta' Shaun Zarb a fol 86 et li permezz tieghu Zarb xehed li huwa t-tifel ta' Raymond Zarb u huwa azzjonist u direttur fis-Socjeta' attrici. Fiz-zmien li s-Socjeta' konvenuta kellhom ix-xoghol mas-Socjeta' attrici huwa kien impjegat tal-istess Socjeta' u xogholu kien ta' 'aircraft mechanic' li jinvolvi jzarma l-'interior' kollu tal-ajruplan tas-Socjeta' konvenuta u kien ukoll mal-kollega tieghu Paul Scerri hadem biex jigu nstallati l-'fuel pumps' il-godda fl-istess ajruplan, ipprepara l-'panel' sabiex jinstallaw il-'wiring' tal-'pumps' u dawn il-preparamenti kienu jikkonsistu f'toqbiet fil-pumps ghal wiring tal-pumps. Ghamlu wkoll engine runs u testijiet fuq l-ajruplan sabiex jaraw li jahdem tajjeb u li ma kienx hemm fuel leaks u li kollox qed jahdem kif suppost.

Xehed li l-inkarigu moghti lilhom mis-Socjeta' konvenuta kien li jikkonvertu l-fuel li fuqhom jahdem l-ajruplan minn Avgas ghal Mogas u dan ifisser li trid tinbidel is-sistema kollha tal-fuel pumps inkluz il-wiring u l-piping relattiv mal-fuel pumps. Ix-xoghol kien jikkonsisti fis-segwenti; tinqala' il-fuel pump li l-ajruplan gie bhal jinqalghu l-pajpijiet li johorgu mill-istess pompa u mbaghad minflokha jkunu jridu jitwahhlu zewg fuel pumps, is-sistema ta' pajpijiet kollha taghhom, jitqabdu mal-magna tal-ajruplan u titqabbad sistema ta' switches li permezz tieghu l-bdot ikun jista jaghzel jekk tintuza pompa wahda jew ohra.

Zarb xehed li mhux minnu li huma ccargjaw izzejjed lis-Socjeta' konvenuta meta mqabbel mal-manual tal-'Supplemental Flight Certificate' u dan ghaliex il-manual jaghti stima tal-minimu tal-hin u jassumi li kollox imur sew. Mhux la kemm wiehed jaqbad u jaqla' pompa. L-ajruplan ikun litteralment irid jizzarma minn gewwa sabiex wiehed jasal ghal pajp ta' gewwa li jkun gej mill-fuel selector ghal 'fire wall'. Minn gewwa jkollu jsir ix-xogholijiet li huma: jinqala' il-panel tal-genb u minhabba li l-ajruplan huwa zghir (huwa Pajpr Warrior), ikun irid ukoll jinqalghu s-seats tal-bdoti fuq gewwa fl-ajruplan. Bazikament l-ajruplan minn gewwa ikun irid jinqala' kwazi kollu u li dan mhux dejjem isir bhal tahbit u mhux l-ewwel darba li bicca li minghalihom tkun ser iddum ftit tiehu aktar zmien minhabba anke affarijiet zghar bhalma huma xi bolt li ma jkunux jistghu jholluh. Il-fatt li l-ajruplan kien zghir dan itawwal il-process mhux iqassar minhabba l-

fatt li kollox ikun okkupat u kollox ikun fuq xulxin fi spazju zghir.  Huwa aktar xoghol inkrepattiv izzarma pajpijiet fuq ajruplan ta' dan ic-cokon milli per ezempju 'airliner'.

F'dan il-kaz ix-xoghol habbathom ftit u dan kemm ghax ma kellhomx il-'parts' f'idejhom u intebhu li kien hemm pajp u xi wires neqsin.  Bdew jifthu l-ajruplan minn gewwa u meta lestew u gew biex jinstallaw il-parts indunaw li ma kellhomx l-'parts' kollha.  Meta kkuntattjaw lis-Sinjura Michelle ghal dawn l-affarijiet gara li dan ma kienx tort interament tas-Socjeta' konvenuta, kien anke taw skont zghir fix-xoghol taghhom zejjed li kellhom jaghmlu. Meta waslu l-'parts' kollha komplew mill-ewwel fuq l-ajruplan u lestewh malajr kemm jista jkun.

Zarb xehed li jhossu offiz ghal dak li qed tghid is-Socjeta' konvenuta u ta r-ragunijiet tieghu ghal dan fosthom li din il-bicca xoghol titlob tnejn min-nies jahdmu fuqha biss izda ccargjaw ta' persuna wahda biss; l-'engine runs' saru fil-weekend u kienu dahlu hu u l-Inginier u kienu wkoll rrilaxxaw l-ajruplan wara dawk l-'engine runs' u allura l-ajruplan ma kellux jistenna l-gimgha tibda biex ikun jista jigi released.  Tal-engine runs huma ma ccargjaw xejn.  Huwa spjega kif tahdem is-sistema ta' fatturazzjoni u x-xoghol li tinvolvi u li huwa mpossibli li ghamlu 'overcharging'.  Huwa kkonferma li Paul Scerri kiteb is-sieghat tieghu korrettament ghax is-sieghat li kiteb huma s-sieghat li wiehed jistenna f'dan it-tip ta' xoghol u wkoll Paul Scerri qatt ma qarraq fis-sieghat.

Rigward invoice number 198 Zarb xehed li minnha jirrizulta car li huma ma kellhomx ghalfejn imissu l-'fuel primer' u kien wara li lestew l-ajruplan u ghaddewh lis-Socjeta' konvenuta li l-istess Socjeta' marru lura wara ftit u qalulhom li bdew ixommu riha ta' fuel.  Huma ccekjaw u sabu li kien hemm leak fil-'fuel primer' u ta' dan ma kienux responsabbli huma.

Rigward invoice number 199 huwa spjega li l-landing light mhux tort tax-xoghol hazin tas-Socjeta' attrici izda bhala konsegwenza ta' wear and tear li kienet qeghda ggarrab l-istess landing light.  Huwa spjega x-xoghol li kellu jsir fuq l-landing light. Huwa tenna li l-wiring li nqala' mhux ghax ix-xoghol sar hazin da parti taghhom u dan ghax lanqas biss missewh il-landing light fix-xoghol taghhom u meta tawhom l-ajruplan lura l-landing light jahdem kien u li ma kienx hekk dan kien jigi deferred fuq ic-certificate of release jigifieri li mhux qed jahdem u li ghalhekk huma ghandhom jithallsu ta' xogholhom ghax dan ma kienx rilzultat ta' xi haga hazina li ghamlet l-istess Socjeta' attrici.

In kontro-ezami (seduta 21 ta' April, 2016) Zarb xehed li huwa hadem fuq l-ajruplan li parti mill-progett kien li jzarma l-ajruplan minn gewwa, zarmaw il-panellings, s-seats u li kellu x'jaqsam ukoll fuq wiring u jghin lil Paul Scerri fuq il-'fuel pumps'. Huwa kkonferma li ma kellhomx x'jaqsmu mal-fuel primer. Meta mistoqsi ccekjawx l-STS manual meta dan jghid li dan il-fuel primer irid jigi ccekjat qabel ma jsir ix-xoghol huwa wiegeb li dan kien inqara minn l-Inginier bhas-soltu certu Gail Gerada. Dwar stima ta' xoghol huwa ma jidholx fiha. Ikkonferma li l-'wire' kellu jinbidel tal-landing light u dan sar wara u dan kien inbidel minhabba wear and tear. Mistoqsi kienx jista jkun li hadmu fuq l-ajruplan fil-weekend meta d-data tal-rilaxx kienet fil-gurnata tal-Gimgha, huwa wiegeb li d-data tkun meta jigi certifikat mill-Inginier Gerada.

A fol 108 fl-affidavit tieghu Guido Gerada, Aircraft Engineer, xehed li huwa kien in charge minn dawn ix-xogholijiet u pprezenta l-'maintenance certificate' li huwa rrilaxxa.

Ra fol 116 il-verbal tas-seduta tal-21 ta' April 2016 li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li ghalqu l-provi u n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Ra d-dokumenti kollha esebiti f'din il-kawza

Ikkunsidra

Dan huwa kaz fejn ma kellux jasal sa hawn u li bi ftit sens komun il-partijiet kellhom jaslu ghal ftehim barra l-Qorti.

Jigi rilevat li mis-somma globali pretiza mis-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn hames mija wiehed u tletin ewro u ghaxar centezmi (€2,531.10c) is-Socjeta' konvenuta mhix tikkontesta s-somma ta' elf erba' mija sebgha u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€1,427.80c) u ghalhekk dan l-ammont hija tammetti li huwa dovut.

Il-kontestazzjoni hija ghalhekk dwar il-bilanc ta' elf mija u tlett ewro u tletin centezmu (€1,103.30c).

It-Tribunal ser jikkonsidra fattura fattura:

**Rigward il-fattura nru 198** – fl-ammont ta' mija disgha u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€129.80c) rigward 'labour charges to check engine primer'.

F’dan il-kaz gara li meta lestew l-ajruplan u ghaddewh lis-Socjeta’ konvenuta, l-istess Socjeta’ konvenuta regghu lura ghax xammew riha ta’ fuel is-Socjeta’ attrici ccekjat u sabet li kien hemm leak fil-‘fuel primer’.

Is-Socjeta’ konvenuta tghid dan ma ghandux jithallas ghax huwa rizultat ta’ xoghol hazin li sar mill-kumpanija attrici u ghal dak tikkwota l-‘Federal Aviation Authority’ li skont hi tesizti li l-‘engine primer’ jigi ccekjat. Is-Socjeta’ attrici tinsisti li c-‘checking of engine primer’ ma hiex wahda mill-items fic-check list li wiehed irid jaderixxi maghha sabiex ikun jista jigi mwettaq ix-xoghol tal-konverzjoni tal-‘fuel system’ tal-ajruplan. Hija tikkontendi wkoll li l-manual tal-‘Federal Aviation Agency’ (FAA) gie accetta mill-‘European Aviation Safety Agency’ u ghalhekk is-Socjeta’ attrici hija marbuta bih ukoll.

Jigi rilevat li s-Socjeta’ attrici jrid ikollha licenzja biex topera minghand l-‘European Aviation Safety Agency’ u mhux minn dik Amerikana u anke meta wiehed jidhol fil-website tal-‘European Aviation Safety Agency’ wehed ikun jista jikkonstata dan kif ukoll ir-rekwiziti kollha sabiex wiehed ikun eligibbli li jaghmel ix-xoghol bhal dak tas-Socjeta’ attrici.

Ghalhekk dan it-Tribunal ma jaqbilx mal-argument tas-Socjeta’ konvenuta li s-Socjeta’ attrici hija marbuta mal-manual tal-Awtorita’ Amerikana cioe’ tal-‘Federal Aviation Authority’ u anke kieku dan kien il-kaz s-Socjeta’ attrici kienet xorta tohrog kont ghal dan anke kieku ghamlitu bhala parti mic-check list, u ghalhekk din l-eccezzjoni li tali xoghol ma hemmx hlas ghalih ghax kien parti mic-check list li kellha taghmel is-Socjeta’ attrici qed jigi michud u l-ammont ghalhekk huwa dovut mis-Socjeta’ konvenuta lis-Socjeta’ attrici.

**Rigward il-fatturi 199 fl-ammont ta’ mija disgha u ghoxrin ewro u tmenin ewro (€129.80c)** ghal ‘labour charges on seat belt and landing light repair’ u li s-Socjeta’ konvenuta tikkontendi li ghandha thallas nofs dan l-ammont cioe’ s-somma ta’ erbgha u sittin ewro u disghin centezmu (€64.90c) u ma ghandhiex thallas ghal konnessjoni ‘landing light’ stante li dan sar bi traskuragni tas-Socjeta’ attrici li meta gie rilaxxat l-ajruplan irrizulta li l-‘landing light’ ma kienetx tahdem ghax ma regghetx giet konnetjatha pero’ tammetti li kellu jinbidel il-‘cable’ partikolari konness mal-imsemmija ‘landing light’.

Is-Socjeta' attrici tikkontendi li l-'landing light' ma kienx jahdem minhabba l-'wear and tear' stante li l-'wiring' li nqala' mhux ghax ix-xoghol sar hazin da parti taghhom u dan ghax lanqas biss missewh il-landing light fix-xoghol taghhom u meta tawhom l-ajruplan lura l-landing light jahdem kien u li kieku ma kienx hekk dan kien jigi 'deferred' fuq 'ic-certificate of release' jigifieri li mhux qed jahdem u li ghalhekk huma ghandhom jithallsu ta' xogholhom ghax dan ma kienx rilzultat ta' xi haga hazina li ghamlet l-istess Socjeta' attrici.

Irizulta wkoll li s-Socjeta' konvenuta gabet il-'cable' minn barra biex setghat jsir dan ix-xoghol u sakemm harget il-fattura qatt ma kien hemm ilmenti mas-Socjeta' attrici u li ghalhekk dan it-Tribunal ma jistghax jemmen il-verzjoni tas-Socjeta' konvenuta stante li hija haga minn ewl id-dinja li jekk wiehed jiehu xi haga ghas-servizz u wara tirrizulta xi haga difettuza, jew wiehed jehodha ghand haddiehor jew jerga jmur lura jilmenta bid-difett u mhux jaqbad u jgib li 'spare part' minn barra qisu xejn mhu xejn minghajr ma jsir ilment lanqas fuq ic-'charges' ta' dan ix-xoghol u dan meta r-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta Aaron Micallef xehed li kien ikun jiccekja x-xoghol kuljum.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jichad din l-eccezzjoni u jordna s-Socjeta' konvenuta thallas din l-fattura fl-intier taghha.

**Rigward il-fattura numru 204 fl-ammont ta' elfejn hames mija u wiehed u tletin ewro u ghaxar centezmi (€2,531.10c)** – is-Socjeta' attrici tghid li ghamlet hamest ijiem xoghol filwaqt li dik konvenuta tghid li hija lesta li thallas ghal tlett ijiem xoghol cioe' is-somma ta' elf tlett mija u tnejn u sittin ewro u disghin centezmu (€1,362.90c) u kull parti tikkwota l-'manual' taghha biex tissostanzja dan.

Dan it-Tribunal jifhem il-preokkupazzjoni tas-Socjeta' konvenuta izda kif gie osservat drabi ohra "japplika f'dan il-kaz id-detto taljan "patti chiari, amicizia lunga". Altrimenti jsir aktar difficli ghal min jaghti l-inkarigu li hu jipprova li hu ghandu jaghti anqas minn dak mitlub minghandu" (**Stuart Craig noe vs Paul Debono noe Appell 29.4.1996).**

Il-partijiet it-tnejn jirrizultaw li huma midhla ta'dan ix-xoghol u ghalhekk ma kien hemm xejn xi jzomm lill-kumpanija konvenuta sabiex taghmel qbil minn qabel dwar in-numru ta' sieghat xoghol li ser tiehu din il-bicca xoghol sabiex issir il-konverzjoni tas-sistema tal-'fuel' tal-ajruplan minn Avgas ghal Mogas. Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mas-Socjeta' konvenuta meta tghid li hija ghandha thallas ta' tlett ijiem xoghol;

anzi tghid li suppost thallas ta' gurnata u nofs izda ser thallas ta' tlett ijiem cioe' ser taghti bonus ta' gurnata u nofs xoghol extra lis-Socjeta' attrici. L-affarijiet ma jsirux hekk – l-affarijiet isiru li tinkariga u tiddiskuti l-prezz f'dak il-kaz s-sieghat ta' xoghol li ser tiehu din l-bicca xoghol.

Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Dwar l-imghaxijiet, veru li 'in illiquidix non fit mora' izda dan il-principju kien abrogat bid-dispozizzjoni espressa tal-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili li qaghad fuq il-massima ta' Pawlu 'li lite contestata usurae currunt' (Dig 22.1.35; Paulus 57 ad ed); min ma jhallasx meta ghandu jhallas ma ghandux ikun ippremjat billi jinhafrulu l-imghaxijiet u inoltre xejn ma kien izomm is-Socjeta' konvenuta milli tiddepozita l-flus il-Qorti pendenti dawn il-proceduri. Illi ghalhekk l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-fatturi.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' konvenuta u jilqa t-talbiet attrici u jordna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn hames mija u wiehed u tletin ewro u ghaxar centezmi (€2,531.10c) bl-imghaxijiet mid-data tal-fatturi sal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**